FIL-QORTI CIVILI

(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Lulju 2022

Rikors Guramentat Nru : 55/2016 AGV

RT

Vs

FT

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' RT datat 9 ta' Marzu 2016 li ppremettiet is-segwenti :-

1. Illi hija zzewget lil konvenut fl-1 ta Mejju 1991, skond ic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dokument A.

2. Illi min dan iz-zwieg twieldu tewmin, MRSK u MRKT li twieldu fl-4 ta' April 1997.

3. Illi Mrkt  u Mrsk attwalment huma studenti fuq bazi full-time, filwaqt li Mrsk hija bi bzonnijiet specjali.

4. Illi l-konvenut irrenda ruhhu hati versu l-attrici ta' abbandun, adulterju, servizzi, eccesi u ingurji gravi.

5. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irremedjabilment tort unikament tal-konvenut.

6. Illi minkejja li saru diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju anke' tramite l-procedura ta' medjazzjoni, il-partijiet ma waslu ghal ebda ftehim u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni, u l-esponenti inghatat l-awtorizazzjoni sabiex tipprocedi b'din l-istanza l-anness digriet immarkat bhala Dokument B.

7. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti huwn esposti.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi T minhabba htija unikament da parti tal-konvenut.

2. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghal uliedu skond kif iffissat mill-istess Onorabbli Qorti partikolarment tenut kont tal-bzonnijiet specjali ta' Mrsk , kif ukoll tordna li l-istess manteniment jizdied annwalment sabiex iz-zieda taghmel tajjeb ghal gholi tal-hajja. Tordna illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew ix-xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jipprecepixxi u jigu ddepozitati f'kont indikat mir-rikorrenti.

3. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghal esponenti, skond kif iffissat mill-istess Onorabbli Qorti.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni.

5. Tapplika kontra l-konvenut, l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, 53, u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta, in toto jew in parte.

6. Takkorda l-fakulta lill-esponenti sabiex tabita fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni tal-konvenut.

7. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas u jikkonsenja lill-esponenti skond il-kaz, il-krediti u l-propjeta' parafernali taghha.

8. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta’ Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-esponenti kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta guramentata** ta’ FT datata 11 ta’ April 2016 fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi dwar l-ewwel talba attrici, it-talba ghall-pronunzjament tal-firda ghandha tintlaqa’, pero’ mhux ghar-raguni allegata mill-attrici, illi hija wahda inveritiera u bla bazi, imma fil-fatt minhabba htija unikament tal-attrici u mhux tal-konvenut, u dan skond kif mitlub fil-kontrotalba illi issegwi din ir-Risposta guramentata.

2. Illi dwar it-tieni talba attrici, dina ghandha tincahad bl-ispejjez kontra l-attrici ghaliex ulied il-kontendenti huma t-tnejn maggorenni, u ghalhekk l-attrici m’ghandha l-ebda jedd illi titlob manteniment ghan-nom taghhom jew illi tircievi manteniment ghan-nom taghhom u dana kif iddekretat diversi drabi minn din il-Qorti. F’kull kaz, il-konvenut ghadu regolarment jerfa’ r-responsabilita' ghal uliedu u jaghtihom dak il-manteniment li huwa xieraq u necessarju ghalihom u ghall-bzonnijiet taghhom.

3. Illi dwar it-tielet talba attrici, dina ghandha tincahad bl-ispejjez kontra l-attrici ghaliex ebda manteniment ma huwa dovut mill-konvenut lill-attrici,

kemm ghaliex l-attrici tahdem u ghandha introjtu tajjeb, kif ukoll ghaliex iz-zwieg sfaxxa unikament tort tal-konvenuta.

4. Illi ir-raba' talba attrici ghandha tintlaqa’ imma in konformita’ ma’ u tenut kont tat-talbiet tal-konvenut hekk kif dettaljati fil-kontrotalba.

5. Illi il-hames talba attrici ghandha tincahad, ghaliex se mai d-disposizzjoniijiet tal-artikoli 48, 51, 53 u 54 kif ukoll ta’ artikoli ohrajn tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu komminati mhux kontra l-intimat imma kontra l-attrici, u dan hekk kif mitlub, u ghar-ragunijiet indikati, fil-kontrotalba.

6. Illi s-sitt talba attrici ghandha tincahad ghaliex ma hemm ebda raguni ghalfejn id-dar matrimonjali, illi hija propjeta’ indiviza tal-partijiet u li ghandha valur konsiderevoli, ghandha tigi moghtija l-pussess taghha l-attrici, meta dina tista tigi zviluppata fl-interess u a beneficcju kbir taz-zewg konjugi ghaliex ma hijiex komodament divizibbli.

7. Illi dwar is-seba' talba attrici, ma jezisti ebda dejn f’dan ir-rigward. Anki jekk hemm , pero’ xi hlasijiet jew konsenji li jridu jsiru, dawn ghandhom jigu qabel xejn se mai pacuti ma’ dawk illi trid taghmel l-attrici favur il-konvenut, hekk kif mitlubin fil-kontrotalba u d-diifferenza imhallsa jew ikkonsenjata lil min tkun dovuta, jekk ikun hemm.

8. Illi dwar it-tmien talba attrici, din hija superfluwa u ghandha tincahad bl-ispejjez kontra l-attrici ghaliex mhijiex necessarja l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex l-eventwali sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku.

9. Illi jiena qieghed ukoll nipprezenta kontrotalba skond il-ligi kontra l-attrici.

   Bl-ispejjez, inkluzi dawk kollha relativi ghall-proceduri kollha li saru kontra l-attrici illi hija minn issa ngunta ghall-kontroezami u in subizzjoni.

**Rat il-Kontro-Talba** ta' FT li ppremetta s-segwenti :-

1. Illi huwa u l-attrici rikonvenzjonata RT zzewgu fl-1 ta' Mejju,1991 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok."A'' mar-rikors guramentat tal-attrici rikonvenzjonata.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal tewmin, fl-4 ta' April, 1997 u li jisimhom MRSK u M RKT, u illi illum huma maggorenni.

3. Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-esponenti zewgha ta' eccessi, minacci, servizzji u ingurji gravi kif ukoll ta' vjolenza, mohqrija u theddid b'mod li rrendiet impossibli l-hajja konjugali ta' bejniethom u ghalhekk il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet tkissret irremedjabilment.

4. Illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba l-agir tal-attrici, u wkoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti.

5. Illi l-attrici rikonvenzjonata kienet abuziva lejn zewgha u gholliet idejha fuqu u dan kif jirrizulta minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-23 ta'

Jannar, 2012 fejn l-attrici instabet hatja li kkawzat griehi ta' natura hafifa, fil-konfront ta' zewgha.

6. Illi l-partijiet qabel ma zzewwgu kienu akkwistaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tal-5 ta' Jannar, 1991, il-fond li llum jismu Gojjella, numru 5, fi Triq ir-Rummien, Marsascala, liema fond mhuwiex komodament divizibli u illi jista' jigi zviluppat bi profitt ghaz-zewg konjugi kif ukoll ghal uliedhom.

7. Illi minkejja diversi tentattivi ghal soluzzjoni bonarja dwar is-suespost min-naha tal-konvenut, ir-rikonvenzjonata qatt ma riedet tasal sabiex tintlahaq separazzjoni bonarja u tittiehed decizjoni dwar id-dar ta' Marsascala, illi hija propjeta' indiviza tal-partijiet.

8. Illi l-attrici tahdem u l-attur jahdem ukoll u ghalhekk ma hemmx lok ghal manteniment lejn xulxin.

9. Illi l-medjazzjoni ma tat ebda frott.

10. Illi l-konvenut rikonvenzjonat gie debitament awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali ad mensa et thoro, permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) indikat u anness mar-rikors tal-attrici.

11. Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors guramentat sabiex tintalab is-separazzjoni personali bejn il-konjugi T u provvedimenti dwar il-proprjeta' parafernali komuni.

12. Illi l-konvenut rikonvenzjonanti jaf b’dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, tghid l-attrici rikonvenzjonata ghar-ragunijiet permessi ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvediment opportuni, inkluzi, jekk ikun hemm bzonn, bl-opra ta’ periti nominandi.

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni ad mensa et thoro bejn il-partijiet ghar-ragunijiet permessi imputabbli unikament lill-attrici rikonvenzjonata minhabba sevizzi, eccessi, minacci, theddid u inguri gravi kommessi kontra l-konvenut rikonvenjenti kif fuq permess u/jew minhabba inkompatibbilita’ ta’ karattru bejn il-kontendenti u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, senjatament l-Artikolu 48, tal-Kodici Civili (Kap16) tistabilixxi d-data meta l-istess attrici rikonvenzjonata ghandha tkun ikkunsidrata illi minnha kienet hatja tal-firda.

2. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u minn 51 sa 61 tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess propjeta’ u assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati  liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita d-data li minnha l-attrici rikonvenzjonata titlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-konvenut rikonvenzjonata skond il-ligi u billi

l-attrici rikovenzjonata tigi ddikjarata unikament u eskluzivament responsabbli ghad-dejn u obbligazzjonijet minnha assunti in mala fede u billi l-konvenut rikonvenzjonat jigi akkreditat b'sehmu spettanti mir-rikavati ta' bejn appartenti lill-komunjoni ga' mibjugha f'kaz li l-attrici ma taghtix rendikont soddisfacenti ta' tali rikavat, u l-attrici rikonvenzjonata tigi kkundannata li taghti lura kull somma ta' flus jew valur ta' kull oggett li setghet hadet l-attrici rikonvenzjonata biex thallas djun li mhumiex tal-komunjoni tal-akkwisti u dana kollu jekk hemm bzonn b'opra ta perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni u jipproponu pjan ta' qasma, u jekk ikun il-kaz wara ordni ta bejgh in licitazjoni ta' dawk l-assi tal-komunjoni illi ma jistghux jigu divizi f'partijiet korrispondenti mal-entita' tal-kwoti li ser jigu assenjati lill-partijiet skond il-qasma kif ordnata mill-Qorti.

4. Tordna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tikkonsenja lill-konvenut rikonvenzjonat fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn dina l-Qorti l-oggetti kollha parafernali tal-istess konvenut rikonvenzjonati u fin-nuqqas tigi ikkundannat thallas lill-attrici l-valur taghhom hekk kif jigu likwidati jekk hemm bzonn bl-opra ta periti nominandi.

5. Tillikwida l-assi partikolari tal-konjugi T, inkluz il-fond Gojjella, numru 5, Triq ir-Rummien, Marsascala, billi taqsamhom f'zewg porzjonijiet ugwali.

6. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-immobbli formanti l-assi partikolari jekk jirrizulta li dawn ma humiex komodament divizibbli jekk dan ikun necessarju u opportun ghall-istess divizjoni.

7. Tinnomina nutar biex jippublika l-att relativ u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

   Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri tal-medjazzjonijiet u tal-atti kollha sussegwenti, kontra l-attrici illi hija ngunta sa minn issa ghas-subizzjoni.

Il-Qorti ;

**Rat ir-risposta ghall- kontro talba tar-rikonvenzjonanti RT datata 24 ta' Mejju 2016;**

Illi huwa minnu liz-zwieg tkisser irrimedjabilment , izda dan sehh unikament u esklussivament b' tort u htija tal-intimat minhabba abbandun, mohqrija, theddid, sevizzi, u offizi gravi fil-konfront tal-eccipjenti, u jew minhabba inkompativilita' ta karattru, u ghalhekk l-ewwel talba kif dedotta fil-konfront tal-eccipjenti ghandha tigi michuda.
Illi l-eccipjenti ma taqbilx mat-talba tal-intimat dwar l-applikazzjoni in toto u/jew in parti tal-artikolu 48 sa 52 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront taghha.
Illi b' referenza ghat-tielet talba riwgard ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti filwaqt li l-eccipjenti taqbel illi tigi dikjarata xolta l-komnjoni tal-akkwisti , u tigi likwidata u diviza f' zewg porzjonijiet , kif jidhirilha dil-Onorabbli Qorti, anke permezz ta' periti nominandi. Mandankollu l-eccipjenti ma taqbilx li jirrizulta kreditu li ghadu jigi assenjat lil intimat, dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Illi rigward ir-raba' talba l-eccipjenti tirrileva li l-oggetti parafernali, appartenenti lilu li l-konsistenza taghhom hija wahda minima, huma facilment accessbili mil-

intimat, kien l-istess intimat li naqas li jiehu l-oggetti parafernali tieghu, u ghalhekk ma hemm l-ebda somma li ghandha tigi likwidata f' dar-rigward, li l-intimat qatt ma talab tali oggetti, u jekk se mai huwa qed jivvanta tali pretensjoni ghandu jindika, il-konsistenza ta ' tali beni dotali.

Illi b' refernza ghal hames talba, l-eccipjenti tirrilva li filwaqt li taqbel li dil-Onorabbli Qorti, ghandha tillikwida l-assi formanti parti mil-komunjoni tal-akkwisti, tal-konugi T, il-qasma ta' tali assi mhux neccesarjment ghandha tkun wahda ugwali, u dan tenut kont tal-pretensjonijiet avvanzati mil-eccipjenti, fit-talbiet imressqa minnha.

Illi l-eccipjenti taf il-fatti hawn esposti di '*scienza priopria'*.

**FATTI**

1. Il-partijiet kienu ltaqghu meta t-tnejn kienu jahdmu l-isptar St.Luke's. Cirka sena wara, l-attrici giet diagnosed b'prolactinoma (Pituitary Tumour) u kienet tat il-konvenut l-ghazla li jekk ma kienx lest ghal dan seta' jitlaqha, izda ghazel li jibqghu flimkien.

   F'Gunju, 1989 kienet telghet l-Inghilterra sabiex taghmel il-kura u f'Jannar, 1990 kienu regghu telghu ghall-konsulta minn fejn irrizulta li kien hemm bzonn li taghmel tmien gimghat radjoterapija sabiex jigi evitat ir-riskju li jikber it-tumur kemm il-darba jkunu ser jippreparaw ghat-tfal.

   Izzewwgu fl-1 ta ' Mejju, 1991 u kienu qasmu l-ispejjes tat-tieg. Kienu anke xtraw zewg plots gewwa M'Skala. L-attrici tghid li kienet harget izjed flus mill-konvenut peress li dan kien ghadu qed ihallas il-genituri tal-karozza.

Sakemm bnew l-art marru joqoghodu mal-genituri taghha, li kienu tawha Lm1000 lejn il-bini ta' din l-art. Tametti li l-konvenut kien ghamel xi xogholijiet fid-dar u kien involut fix-xoghol ta' rdim, pediment, tqattigh ta' trinek u ghamel ukoll il-wiring tad-dawl. Tametti ukoll li l-familjari tal-konvenut ghenu ukoll fil-bini tad-dar.

F'Jannar, 1992 kienu telghu l-Inghilterra sabiex l-attrici taghmel it-tmien gimghat radjoterapija u meta gew lura l-konvenut kien telaq minn mal-Gvern u mar jahdem mal-kumpanija Pharmacos.

L-attrici tispjega li qatt ma kienu hadu loan sabiex jinbena l-post u bhala gebel u saqaf kien tlesta sas-sena 1994.

Fl-istess sena 1992 kienet bdiet tahdem bhala instructress mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

F' Lulju, 1996 kienu telghu l-Inghilterra sabiex l-attrici taghmel l-IVF peress li ma setghetx tinqabad tqila u ghalkemm inqabdet tqila prattikament mill-ewwel, gara li kellha tqatta' hafna mit-tqala fis-sodda peress li kien hemm ir-riskju li titlef it-tewmin. Gara ukoll li l-meta pprogressat fit-tqala, skoprew li l-*leading twin* kellha xi problemi u kienet f'riskju li tmut qabel titwieled jew jekk titwieled tkun qisha "vegetable."

Fil-fatt Mrsk twieldet *b'occiptal meningo encephalocoele* ghaliex twieldet toqba f'rasha u spiccaw kellhom joqoghodu l-isptar peress li t-tifla minuri giet operata. Sadanittant, il-konvenut kien imur jarahom fil-visiting hours ta' filghaxija biss.

Il-minuri kellha bzonn ta' aktar interventi medici u minhabba c-cerebral palsy li twieldet biha u r-right sided hemiplegia, Mrsk  kellha bzonn tattendi s-CDAU ghat-terapija kontinwa. Kienet tmur ghal dawn il-vizti wahedha ghaliex il-konvenut qatt ma ried jiehu l-intrigu. Kienu jispiccaw iwassluha jew missierha jew missier il-konvenut, li mbaghad iddecieda li kien hela ta' hin ghalih.

L-attrici kienet hadet sentejn parental leave bejn is-snin 1997-1999.

It-tifla giet ukoll diagnosed b' Crohn's disease u spiccat li kellha tigi rrikoverata l-Inghilterra. Peress li Mrsk  kellha bzonna hafna terapiji u kura, l-attrici ddecidiet li terga' tiehu l-parental leave ghal tlett snin ohra u dan peress ukoll li ma tantx sabet ghajnuna minghand il-konvenut.

Intant, iz-zwieg taghhom beda sejjer lura u anke r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu kwazi inezistenti.

Il-problemi medici tal-minuri Mrsk  iktar bdew jikkomplikaw ruhhom u l-attrici kellha tqatta' hafna hin l-Inghilterra hafna drabi wahedha. Kien biss fuq l-insistenza ta' oht l-attrici, li l-konvenut mar l-Inghilterra biex ikun hemm ghall-attrici li kienet ghajjiena hafna bil-problemi u d-decizjonijiet li kellha tiehu dwar interventi medici fuq il-minuri Mrsk .

Il-konvenut kien mohhu biex il-minuri tigi operata akkost ta' kollox sabiex ma jibqghux l-Inghilterra u jmur lura Malta, anke jekk kien jaf li kien hemm hafna riskji ghall-minuri.

Fortunament kienu bdewlha kura bl-erbi Cinizi u rnexxew, tant li l-operazzjonijiet gew posposti.

L-attrici tispjega ukoll li maz-zmien iktar bdiet tara li l-konvenut kien il-hin kollu jsib xi skuza sabiex ma jkunx maghha u fejn tidhol it-trobbija tat-tfal qatt ma kien prezenti. Imbaghad kienet ikkonfermat dak kollu li kienet ilha tissusspetta u cioe' li l-konvenut kellu wicc haddiehor li kienet kollega tieghu. Ghalkemm il-konvenut kien ammetta maghha li kellu dina r-relazzjoni kienet hafritlu peress li kienet hasset li kienet ittraskuratu minhabba li kienet tkun hafna mat-tifla.

Pero' ftit zmien wara kienet sabet li kien qed jikkomunika ma' mara ohra u ghalkemm innega li ma kienx minnu, kienet regghet hafritlu sabiex izomm il-familja maghquda. Izda l-konvenut dan l-adulterju kien kissirha kemm fizikament, kif ukoll mentalment, li l-attrici tametti li wasslet sabiex ippruvat tikkometti suwicidju billi hadet overdose tal-paracetamol. Kienet ghamlet ftit zmien il-psychiatric unit fl-Isptar St. Luke's u hemm ghamlet weghda sabiex ma thallix lill-konvenut iwassalha f'dak l-istat. Minn dakinhar insistiet mal-konvenut li kellu jitla' maghha l-Inghilterra meta jtellghu lit-tifla peress li wara kollox kienet bintu ukoll.

Sadanittant f'Settembru, 2002, kienu talbu lill-attrici sabiex terga' tidhol lura ghax-xoghol u saru arrangjamenti sabiex tahdem fl-ufficju tal-iskola Primarja B Rahal Gdid fl-ufficju. Kien hemm perjodu fejn regghet kellha tiehu unpaid leave peress li kienet qed tbati minn hafna ansjeta'. Dr.Joe Cassar kien irreferiha ghand Mr.Paul Sciberras, psikologu, li skond l-attrici kien induna li kien hemm nuqqas ta' sapport minghand il-konvenut u kien talab li jattendi ghas-sezzjonijiet il-konvenut ukoll.

Wara hafna insistenza da parti taghha, kien beda jmur maghha, izda kien dejjem rezistenti ghal dak li kien jinghad u kien jarah hela ta' hin. Xorta

kienet baqghet tmur ghall-appuntamenti mal-minuri wahedha. Minn hawn infurmat lill-iskola li kienet diehla lura x-xoghol ghax kienet qed thossha ahjar, minkejja li ma kienx minnu, izda kellhom bzonn il-flus.

Ghal darb'ohra tghid li l-konvenut ma kienx jinvolvi ruhu mal-minuri, meta Markita ntghazlet biex tifforma parti mill-The Malta Children's Choir u tiehu sehem fil-programm Arpeggi. Dejjem kien jara x'ser jaqla'.

Meta waqfu jsiefru lil Mrsk  kienu ftehmu li mill-paga taghha l-attrici tkompli tixtri l-herbs Cinizi, u tkompli taghmel ix-xogholijiet li kien fadal fid-dar.

Il-konvenut kien anke xtara karozza gdida f'ismu ghall-valur ta' €16, 200, ha loan ta' €12, 000 u kien hallas €4, 000. Tametti li ghalkemm kienet tghaddi l-vettura li kellu l-konvenut kienet qiedgha taghtih il-problemi. Iddecidew ukoll li jaghmlu pool, li tant kellha bzonn Mrsk ghat-terapija d-dar. Din kienet ser tiswilhom €14, 320  minghajr l-iskavar u l-crane. Peress li ordnawha sena wara l-valur taghha kien tela' ghall-prezz ta' €16,170.

Fl-istess zmien kienu anke xtraw il-kamra tas-sodda tat-tfal ghall-prezz ta' €7950 li kien hallas il-konvenut. L-attrici kienet ukoll hallset ghall-vjagg lejn il-Bulgarija, fejn il-minuri Mrkt  ntaghzlet sabiex tirrapprezenta lil Malta fil-festival tal-Bulgarija.

Minn hawn iktar beda jizdied l-inkwiet peress li hut il-konvenut bdew jindahlu f'hajjithom. Kienu bdew jargumentaw maghha li Mrskt m'ghandhiex tiehu sehem fil-festival tal-Bulgarija u lanqas fil-kor ta' Joseph Calleja, fejn kienet intghazlet u dan minhabba li bdew ighidu li dan kien kollu hela ta' hin, kif ukoll akkuzawha li qed tberbaq il-flus li kien

ighaddilha l-konvenut. Bdew anke jinsistu maghha li ghandha twaqqfilha l-izfin, il-kant u l-pjanu u ma kellhomx jibqghu jattendu skola tal-knisja.

Fil-fatt M, hu l-konvenut kien hadu l-Appogg sabiex jara x'kienu d-drittijiet finanzjarji tieghu u beda jheddidha jekk ma kinitx ser taghti rendikont ta' kif kienet tuza' l-flus li kien ighaddilha l-konvenut.

Fl-ahhar l-attrici u Mrkt marru l-Bulgarija u tul il-gimaghtejn li damu hemm, il-konvenut qatt ma kien ghamel kuntatt maghhom. Meta rritornaw sabu li l-konvenut kien ibblokkja t-telefon sabiex ma jkunux jistghu icemplu u kien infurmaha li Mrkt kellha appuntament mal-Appogg l-ghada, minghajr ma kien qallha. Sadanittant Mrkt ma riditx tmur lura d-dar minhabba li kien hemm glied kontinwu.

Dorianne Sultana, is-social worker ikkonkludiet li l-minuri Mrkt ma kellhiex hafna pressjoni biex tlahhaq mal-attivitajiet taghha, izda kien iktar l-ilment kontinwu tal-konvenut li m'ghandux flus li kien jaghmilha pressjoni.

Spicca li nqala' l-glied bejn ohtha u hu l-konvenut u M fuq it-tfal u ghalhekk marret tkellem avukat sabiex twissi lil hut il-konvenut biex ihalluhom u sabiex tibda l-medjazzjoni sabiex jieqaf id-dizgwid.

Meta l-konvenut mar lura d-dar ma ghaddilihix il-flus tax-xahar ghall-hajja u kontijiet u kien wera li ma riedx jirranga l-affarijiet.

Fl-4 ta' Settembru, 2011 il-konvenut telaq mid-dar, wara li spiccaw jilitikaw u ghand il-pulizija biex jaghmlu rapport kontra xulxin. In kontro-ezami tammetti li l-glieda kienet inqalghet peress li l-attrici kienet

wadbidtlu t-telefon ma' widnejh wara li ghajjarha dittatrici. Tametti ukoll li kien hemm sentenza fejn instabet hatja u giet imwissja biex ma tergax. Wara li telaq beda jara lit-tfal barra mid-dar.

L-attrici ssemmi li minn hemm il-konvenut mhux dejjem kien konsistenti fl-access ghat-tfal. Kien ikollha problemi ukoll bil-hlasijiet ta' manteniment.

Waqt il-proceduri ta' medjazzjoni kienu lahqu ftehim fuq l-access u fil-25 ta' Mejju, 2012 hareg digriet fejn il-Qorti ordnat manteniment fl-ammont ta' €500 kull erba' gimghat u nofs l-ispejjes edukattivi, dawk medici u dawk ta' natura straordinarja. Il-kura u kustodja giet iddikjarata bhala wahda kongunta.

Minn dakinhar l-attrici tghid li l-konvenut lanqas biss cempel sabiex jara lit-tfal u lanqas cempel lil Mrkt . Naqas ukoll li jhallas manteniment, kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u dan sa minn Settembru, 2011. Bhala servizzi mill-Gvern l-attrici tghid li llum waqfu l-physiotherapy u l-ispeech therapy minn naha tal-Gvern u ghandha s-servizz ta' Occupational therapy b'xejn minghand il-Gvern. Tghid ukoll li Mrsk tircievi l-pensjoni ta' dizabbilita' fl-ammont ta' cirka €400 li jintuzaw ghall-ikel u ghall-bzonnijiet taghha.

Peress li Mrkt ghadha tistudja, il-konvenut ghadu jhallas il-manteniment.

Mit-18 ta' Novembru, 2011 il-konvenut kien donnu rega' beda l-access, pero' l-attrici tghid li kienet issibha difficli tikkomunika mieghu peress li ma kienx ikellimha.

2. Skond il-konvenut, l-ewwel indikazzjoni li kellu, li l-attrici kienet dominanti kien meta ma xtaqx isuq ghandha ghaliex kien hemm maltempata, izda bdiet theddu li jekk ma jmurx kienet ser titilqu.

   Jikkoncerma li missier l-attrici kien tahom Lm1000 bhala rigal tat-tieg, filwaqt li missieru kien hallas Lm700 sabiex ghamillhom il-bieb ta' barra u s-sodda li kienet tiswa Lm250. Kien tahom ukoll Lm100 bhala rigal tat-tieg. Ighid li missieru u hutu kienu ghenuhom fil-bini tal-post ta' M'Skala.

   Wara z-zwieg ighid li l-attrici kienet thallih imur ix-xoghol bla ikel u kien ikollu jmur il-canteen tal-GWU. Jichad li missieru kien ighidilhom li ma kinux kapaci jixtru post u dan meta kien dejjem imur ighinu fil-post.

   Jispjega li r-relazzjonijiet intimi ukoll ma kinux sew.

   Jinnega ukoll li ma tantx kien ighin biex iwassal lill-attrici u lill-uliedu jew l-isptar jew ix-xoghol, anzi jghid li fejn seta' dejjem ghamel l-almu tieghu biex ighinha.

   Il-konvenut kien kontra li joperaw lill-minuri Mrsk , pero' kien gie f'dubbju meta l-professuri kienu qalulhom li kien l-uniku mezz sabiex forsi t-tifla tfieq. Kien jibza' pero' mir-riskji li seta' kien hemm. Kien jixtieq li jitla' maghhom l-Inghilterra kull darba, pero' minhabba l-finanzi ma setax.

   Il-konvenut jichad ukoll li kien f'relazzjoni ma' mara ohra tul iz-zwieg. Sallum ghadu wahdu u jqatta' l-hin tieghu mat-tfal u ma' hutu. L-attrici kienet possessiva u ghajjura u kienet tahseb hazin mill-ewwel jekk kien jittardja mix-xoghol.

**Manteniment**

Il-konvenut jikkonferma li kien ghadu qed ihallas manteniment lit-tfal, minkejja li llum ghandhom 24 sena u dan meta gharaf ukoll li Mrsk ghandha bzonnijiet specjali u jghid li l-iktar bzonnijiet huma relatati mal-ikel.

**Karozzi**

Il-konvenut ighid li fiz-zwieg kellhom karozza, izda peress li kienet qadima kellu jnehhiha. Anke wara li ssellef karozza mix-xoghol, l-attrici ma kinitx kuntenta u kellhom jixtru wahda gdida li kienet tiswa €16, 500 u ghadu jhallas loan fuqha fl-ammont ta' €174 kull xahar. Illum ighid li skond l-insurance, l-vettura tiswa €8000.

Kien hareg €4000 sabiex ihallas ghal dina l-vettura.

**Kontijiet bankarji**

Il-konvenut ighid li l-attrici qatt ma kienet tatih sodisfazzjoni fuq il-kontijiet taghha, izda darba kienet uriethu li kellha €33, 000 mgemmghin.

Fuq il-kont tieghu mal-Bank of Valletta plc, l-attrici kellha supplementary card u beda jinduna li l-attrici kienet qed tigbed hafna flus. Kien ha parir minghand l-Appogg u minghand il-Bank stess u dawn kienu qalulu li sabiex ikollu iktar kontroll kien jehtieg li japplika ghal card fuq il-kont tal-attrici u fl-istess waqt ighalaq il-kont tieghu u hekk ghamel.

Kien waqaf il-card tal-attrici minn fuq il-kont tieghu u kien ghamel zmien ihallas ghall-hajja ta' kuljum u dan kien qabel ma telaq mid-dar.

**Dar**

Jikkonferma li l-attrici kienet harget izjed flus minnu meta xtraw iz-zewg plots, pero' ma ssemmix li kien ghamel hafna xoghol fl-istess dar. Ighid li hafna mix-xoghol fid-dar kien ghamlu hu, flimkien bl-ghajnuna ta' hutu u missieru sabiex jiffrankaw il-flus. Jiddentifika x-xogholijiet li ghamel[1] u jghid li kif kienet mibnija d-dar, ma kinitx komda ghat-tifla Mrsk.

Kien dispost li jaccetta li d-dar terga' tinqasam f'zewg plots u jiehdu plot kull wiehed, izda kellhom jaqsmu l-ispejjes tat-twaqqih.

**POOL**

Kienet l-attrici li kienet iffissata li taghmel pool fid-dar u kienu hadu quotation. Kien hareg il-permess tal-MEPA fejn kellhom hames snin sabiex jibnuha, izda l-konvenut ma kienx dispost li jibniha dak iz-zmien. Izda bhas-soltu jghid l-attrici kienet ftehmet mal-kuntrattur u ordnat li tinbena l-pool u hallset hi minn flusu ukoll.

L-attrici kienet ukoll tiehu decizjonijiet wahedha ghal dak li jirrigwarda l-lezzjonijiet tat-tifla Mrkt , lezzjonijiet tal-pjanu, taz-zfin, tal-kant kif ukoll tal-gymnastics.

[1] Ara affidavit tal-konvenut a fol.120

Kien isir jaf bihom minhabba li kienet titolbu jwassalhom. Meta t-tifla kienu tiehu sehem fil-programm Apreggi, hu u Mrsk kienu jibqghu ghand ommu jistennewhom u dan wara gurnata xoghol.

L-ispejjes ta' dawn l-attivitajiet kienu jithallsu minn flus il-konvenut ighid.

L-istess ghamlet meta bdiet tiehu lit-tifla l-Inspire ghas-servizzi li kienu joffru tal-physiotherapy, occupational therapy u speech therapy. Ighid li ma kkonfrontatux qabel ma ddecidiet li taghmel uzu minn dawn is-servizzi, imbaghad imponiet fuqu l-ispejjes li ma felahx ghalihom.

Jinsisti li l-attrici, li tiehu d-dhul finanzjarju tat-tifla Mrsk ghandha thallas l-ispejjes minn hemm. Jelenka liema huma dawn l-ispejjes.[2]
Illum ighid li kien dispost li jhallas dawn l-ispejjes jekk hemm bzonn minhabba li ma jridx idahhal lit-tifla fid-dizgwid taghhom, izda jitlob li jigi muri l-fatturi tal-passat, ihallas l-arretrati u kwalsiasi decizjoni li ttiehed fil-futur tittiehed flimkien.

Il-konvenut isemmi ukoll li l-attrici qatt ma kienet trid tmur fejn kien ikun hemm il-familja tieghu u dejjem kienet issib xi skuza. F'Lulju, 2011, il-familja tieghu kienu marru gimgha Ghawdex u ddecieda li kien ser jiehu lit-tfal ghax qatt ma kienu marru u dak iz-zmien kellhom 14-il sena meta marru l-ewwel darba.

Il-glieda li wasslet sabiex hu jitlaq mid-dar kien meta kellhom xi jghidu u qallha li anke ommha tibza minnha u bhala konferma ta' dan cemplet lil ommha sabiex turih li ma kienx minnhu u sabtitlu t-telefon ma' widnejh u

---

[2] Ara affidavit a fol. 121.

mar ghamel rapport mal-pulizija u kienu spiccaw il-Qorti fejn l-attrici nghatat canfira u twiddiba minghand il-Magistrat. Peress li mbaghad beda jibza joqghod mal-attrici kien mar jigbor il-hwejjeg u mar joqghod mal-genituri tieghu.

Dwar l-access, il-konvenut jispjega li ghalkemm kien hemm il-problemi fil-passat, illum it-tfal ghandhom 19-il sena u ghalhekk huma maggorenni u ghandhom kuntatt u relazzjoni tajba mieghu.

L-agir taghha u l-abbuz fiziku u verbali wasslu sabiex jitlaq mid-dar.

3. Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. u mir-ricerka li ghamlet irrizulta li kien hemm hames kontijiet bankarji f'isem l-attrici, erba' minnhom ghadhom miftuhin,[3] filwaqt li wiehed minnhom li huwa Term Deposit Account illum huwa maghluq.[4]

F'isem il-konvenut kien hemm zewg kontijiet li huma miftuhin.[5] F'isem il-konvenut kien hemm ukoll Flypass card u kien hemm supplementary card u dan il-kont ghadu miftuh u hemm statement tal-credit.[6] Is-supplementary card kienet f'isem l-attrici izda kienet irrapurtatha mitlufa "with no re-issue." Setghet ikkancellat il-card l-attrici, kif ukoll il-konvenut.

Bhala kontijiet kongunti tghid li kien hemm tlett kontijiet, savings account u motor loan account, it-tnejn ghadhom miftuhin.[7] Kien hemm loan account li nghalaq fit-28 ta' Gunju, 2008.[8]

---

[3] JB2- JB5
[4] Dok. JB1
[5] Doks. JB 6-JB 7
[6] Dok. JB 8
[7] Doks. JB 9 u JB 11
[8] Dok. JB 10

4. Karen Cremona, in rapprezentanza tat-Transport Malta kkonfermat illi mir-ricerka li ghamlet kien hemm vettura wahda rregistrata fuq il-konvenut Honda Jazz numru ta' registrazzjoni CBT 028 u kellu ukoll Escort irregistrata fuq ismu, pero' kienet giet scrapped fit-2 ta' Marzu, 2011.[9] Rigward l-attrici kkonfermat li qatt ma kellha vetturi rregistrati fuq isimha.[10]

5. Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-attrici, kif ukoll tal-konvenut.[11]

6. Edward Mifsud, in rapprezentanza ta' Pharmacos Ltd. ipprezenta l-FS3's u l-payslips tas-sena 2016.[12] Ighid li l-allowances ghall-uzu tal-vettura kienu nkluzi fil-payslips. Kellu ukoll xi commissions fuq xi bejgh li huma nkluzi ukoll fil-payslips.

7. Jonathan Pace, in rapprezentanza ta' GasanMamo Insurance pprezenta informazzjoni dwar il-polza ta' assikurazzjoni tal-konvenut fir-rigward tal-vettura Honda Jazz bin-numru ta' registrazzjoni CB 3028.[13]

   Ipprezenta ukoll skeda fejn ikun hemm il-valuri tal-vetturi, fejn l-"insured estimate" tammonta ghal €7, 700.

8. Oht l-attrici JKC ikkonfermat dak li qalet l-attrici sa fejn kien jikkoncerna lilha u kkonfermat ukoll li ohtha l-attrici dejjem baqghet timpenja ruhha

[9] Dok. KC 1
[10] Doks. KC3 u KC4
[11] Doks. JS 1 u JS2
[12] Doks. EM1 – EM 7
[13] Dok. JP1

hafna mat-tifla MRSK. Ikkonfermat li kellhom hafna problemi u li llum il-hajja ghall-attrici difficli peress li d-dar ghandha bzonn hafna manutenzjoni u kien hemm diversi spejjes ohra relatati mad-dar.

Ikkonfermat ukoll li kienet marret l-Inghilterra fejn l-attrici, waqt li MRSK kienet qed tigi rikoverata l-isptar u kienet talbet lill-konvenut jitla' hdejn martu ghaliex ma kinitx fi stat li tibqa' wahedha.

9. CC, oht l-attrici kkonfermat ukoll l-verzjoni tal-attrici.

10. Dr. Simon Attard Montalto kien it-tabib tal-partijiet u kien jiehu hsieb il-kura tat-tifla MRSK . Il-kundizzjoni li twieldet biha kienet tip ta' spina bifida fil-mohh u kellha ssirilha *shunt*. Jispjega li minhabba dawn il-problemi, MRSK kellha problemi ta' zvilupp, kellha development delay u kellha ukoll cerebral palsy, fejn prattikament effettwatilha gisimha fuq il-lemin fis-sens li kellha nuqqas ta' sahha u nuqqas ta' movimenti naha wahda.

Ighid li ghandha problema biex timxi u din hija xi haga permanenti.

Kellha ukoll problemi fil-musrana, li kienet tirrikjedi trattament u kienu jibghatuha l-Inghilterra.

11. Mario Azzopardi, in rapprezentanza tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xoghol ikkonferma li l-attrici kienet impjegata mal-Ministeru u pprezenta l-pay slip taghha.[14]

[14] Dok. MA 1

Il-paga taghha hija ta' elf mija erba' u tmenin Euros kull xahar, b'salarju basiku ta' €15, 393 fis-sena gross. Izid ighid li l-paga taghha hija fissa, m'hemmx increments u l-bonuses mhumiex ikkalkulati u lanqas is-supplements ta' Marzu u Settembru.

Bhala ghalliema tahdem bejn Settembru u Lulju u tahdem bejn it-8.10 am sas-2.10 pm. F' Gunju il-perjodu ta' xoghol ikun iqsar.

Ipprezenta rendikont shih tal-unpaid leave li kienet hadet l-attrici mill-2002.[15] L-unpaid leave kien minhabba t-tifla u minhabba li kellha titla' l-Qorti.

Hafna mill-unpaid leave kienet tiehdu waqt is-sena skolastika. Mill-11 ta' Frar, 2019 ma kinitix baqghet tahdem fil-klassijiet.

12. Charlene Borg, in rapprezentanza ta' Inspire tikkonferma li l-attrici kienet taghmel uzu mis-servizzi tal-Inspire u dan mill-21 ta' Frar, 2014 sas-26 ta' Ottubru, 2018. [16]

MRSK ilha tircievi servizzi terapewtici ghall-izvilupp u maintenance tas-sahha fizika u anke intelletwali.

Is-sistema ta' hlas kienet fis-sena 2018 bir-rata ta' €22 kull sessjoni u mill-2019 telghat ghal €25 kull sessjoni.

Tikkonferma li l-hlasijiet kienu jsiru mill-attrici.

---

[15] Dok. MAE1

[16] Doks. CB 1 u CB 3

Ipprezentat zewg rapporti.[17]

13. Dr. Pierre Ellul kien tabib kuranti tal-minuri MRSK u kkonferma li kienet tbati minn colitis, pero’ llum kienet *in remission* u kien qed jaraha darba fis-sena.

14. Paul Sciberras fil-kapacita’ tieghu bhala managing psychologist inkarigat mis-Psychology Department ta’ Mater Dei. Kien ilu jara lill-ulied il-partijiet fuq perjodu ta’ sbatax-il sena.

Jikkonferma li l-problemi ta’ MRSK kienu li kellha developmental delays u fizici, pero’ l-minuri kienet kapaci tikkomunika mieghu.

Il-kundizzjonijiet taghha komplew jiddeterjoraw minhabba s-separazzjoni tal-genituri taghha. Kienet tesprimi dispjacir ghas-sitwazzjoni li kien hemm. Kienet irrabjata u ffrustrata u ddispjacuta li ma kellhiex it-tip ta’ *closeness* u *relazzjoni* ma’ missierha kif xtaqet. Kienet iktar close m’ommha, izda jghid li dejjem offra lill-konvenut li ghandu bieb miftuh ghalih.

Ighid li kien anke ra lill-attrici peress li kienet hadet *overdose b*hala rizultat tal-istress li gabet fuq il-koppja d-dizabilita’ ta’ MRSK

Jikkonferma ukoll li kellu diversi laqghat mal-konvenut fuq iz-zwieg tieghu. L-attrici kienet tassumi hafna responsabbilitajiet wahedha u ma kellix sapport minghand il-konvenut. Is-sezzjonijiet mal-konvenut kienu

[17] Doks. CB 1 u CB 2

sabiex ighinhom isibu armonija fil-koppja u jaqsmu r-responsabbilitajiet. L-ahhar kuntatt li kellu mal-konvenut kien bejn l-2001 u l-2003.

18. CON C, omm l-attrici, filwaqt li kkorroborat il-verzjoni attrici, ziedet tghid li l-konvenut u l-familja tieghu qatt m’accettaw lil MRSK u minn hawn beda l-inkwiet fir-relazzjoni tal-partijiet.

Tennet li meta l-attrici ddecidiet li tmur il-Bulgarija, wara li MRKT ntghazlet sabiex tirrapprezenta lil Malta, l-inkwiet zdied ghaliex il-familja tal-konvenut, partikolarment huh M beda jindahal fir-relazzjoni ta’ bejniethom u baghat ghall-attrici sabiex jara fejn kienet qed tonfoq il-flus. Ippretenda ukoll li l-attrici ghandha tibda tohrog nofs l-ispejjes tal-hajja, tal-edukazzjoni u sahha, barra li tkompli thallas ghall-pool u l-ghamara li kienu ordnaw. L-attrici ma kinitx accettat dan kollu.

Ghandu jinghad ukoll li hu l-konvenut M, kien gieghlu ukoll iwaqqfilha l-visa card li kellha supplementary card ghal mieghu, ghax kien beza li sakemm kienu ser ikunu l-Bulgarija kienet ser tbattallu l-kont.

Sakemm kienu l-Bulgarija, il-konvenut kien imur jara lil MRKT li kienet toqghod maghha, izda qatt ma hadha d-dar. Meta waslu lura z-zewgt itfal ma ridux imorru lura M’Skala ghax bdew jibzghu minhabba l-glied kontinwu li kienu qed jaraw.

Fl-4 ta’ Settembru, 2011 tikkonferma li l-konvenut kien telaq mid-dar wara li kellhom xi jghidu u l-konvenut kien imur biex jara lit-tfal, izda kien joqghod barra.

Sadanittant, l-attrici baqghet tiddedika l-hin taghha lil MRSK  u tehodha l-isptar, l-Inspire u ghat-training mal-bocce mal-Ispecial Olympics.

Il-konvenut kien ghamel xi sena ma hallasx manteniment u mbaghad kien beda jaghtih fuq ordni tal-Qorti. Lanqas ried lil MRKT  taghmel l-ezamijiet ghax kien konvint li kienet ser tehel u allura kien ser ikun hela ta' flus, mentri l-attrici baqghet tippersisti u gabithom.

19. JKC  ikkorroborat il-verzjoni attrici, filwaqt li kkonfermat li wara li F telaq mid-dar kienet tmur ghal MRKT  minn Paceville biex ma ddumx barra. It-tifla kienet difficli u kienet telqet ghal xi zmien mid-dar u marret tghix ma' habibtha u kienet thabbathom. Imbaghad kienet regghet marret lura tghix m'omm l-attrici u din refghet ir-responsabbilita' ta' dina t-tifla.

Il-konvenut jiltaqa' xi kultant ma' uliedu fil-weekend, izda kull meta jitolbuh xi ghajnuna finanzjarja dejjem igerger.

20. CC, oht l-attrici ukoll ikkorroborat il-verzjoni kemm tal-attrici, kif ukoll ta' hutha.

21. MT, omm il-konvenut tghid li l-iktar li kienu nvoluti mal-partijiet kien meta twieldu t-twemin u dan minhabba li l-attrici ma kinitx isuq u kellha titla' hafna drabi l-isptar b' MRSK.

Finanzjarjament ma tantx kienu jistghu jghinuhom peress li kellhom familja kbira, izda zewgha kien imur ighinhom fil-post.

L-ewwel darba li saru jafu li kellhom il-problemi kien fl-4 ta' Settembru, 2011, wara li l-partijiet kellhom xi jghidu u hu l-konvenut M, kien

infurmahom li kienu hadu l-ghassa. Minn dakinhar il-konvenut mar ighix maghhom ghax kien qed jibza' li l-attrici kienet ser terfa' idejha fuqu.

Tghid li l-konvenut jikkontribwixxi lejn l-ispejjes taghha peress li mar ighix maghha u dan sa mis-sena 2011, pero' meta tigi nieqsa ser ikollu jsib akkomodazzjoni alternattiva peress li ghandha erbat itfal ohra.

22. JB, oht il-konvenut tikkonferma li huha kien ighaddi l-paga tieghu kwazi kollha lill-attrici u missierha kien iqatta' hafna hin mieghu sabiex ilestu l-post li l-partijiet kienu xtraw f'M'Skala.

Tghid ukoll li l-attrici qatt ma kienet taghtih xi ikel mieghu u kemm ix-xoghol u anke meta kienu jmorru jahdmu fil-post, kienet dejjem ommha li kienet tipprepara xi ikel.

Tikkonferma ukoll li kemm zewgha, kif ukoll ir-ragel t'ohtha JP kienu marru jghinuhom fil-post bla hlas.

Isemmi xi episodji fejn kienet hasset ghal huha. Kien hemm darba meta kienet marret ghandhom u ndunat li l-attrici ma kinitx sajret u marret tixtri l-ikel u spiccat kielet l-attrici.

F'okkazjoni ohra kienet selfet lill-konvenut €700 biex ihallas l-arretrati ta' taxxa, meta fl-istess hin l-attrici kienet marret xtrat laptop li kien jiswa l-istess ammont.

Tinnega li MRKT ntaghzlet biex tmur tkanta l-Bulgarija, izda kienet riedet tehodha l-attrici, fejn gieghlet lill-konvenut ihallas hafna flus. Tghid ukoll

li l-attrici riedet pool mhux ghat-tifla, izda ghax kienet tippretendi li hi ta' xi klassi gholja u ghax kienet hoxna u kienet tisthi.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**RESPONSABBILITA'**

L-attrici qed tattribwixxi l-htija tas-separazzjoni lill-konvenut minhabba abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi, ingurji gravi.

**Adulterju**

Dina l-Qorti mhix ser tikkunsidra dan l-estrem peress li ma jirrizultawx provi u indizji gravi u konkludenti, ghalkemm l-attrici ssemmi li kien hemm diversi nisa nvoluti f'relazzjoni mal-konvenut u dan wassal anke sabiex hi tipprova tikkommetti suwicidju. Ciononostante ma resqet l-ebda provi konkreti sabiex tipprova l-adulterju.

Li tghid huwa li kienet disposta li tahfer lill-konvenut peress li setghet ittraskuratu minhabba l-problemi tat-tifla li assorbewlha hafna mill-hin, izda xejn iktar konkret minn hekk.

**Sevizzi, eccessi u ngurji gravi**

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-***

***konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Il-partijiet ghaddew minn hafna, anzi iktar minn dak li ggarraf familja normalment u dan sa mill-bidunett tar-relazzjoni taghhom, meta l-attrici mardet bil-kancer.

Il-Qorti tifhem li sabiex trabbi tifla bhal MRSK bil-problemi kollha li ghandha mhuwiex xi kompitu facli, anzi jehtieg hafna determinazzjoni, sagrificcji u dedikazzjoni. L-attrici sa mill-bidunett ghamlet lil MRSK l-priorita' taghha u ghamlet hafna zmien maghha l-Inghilterra.

Mill-assjem tal-provi, jirrizulta li l-konvenut ma kiex accetta ghal kollox il-mard ta' MRSK u ghalkemm dina l-Qorti tifhem li kien hemm problemi ta' piz finanzjarju li kieku l-konvenut telaq minn xogholu sabiex jiddedika l-hin tieghu lit-tifla u joqghod l-Inghilterra mal-attrici, imma l-istess huwa mehtieg minnu li f' dawn ic-cirkostanzi ghandu jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu iktar. L-attrici sa fl-ahhar baqghet tahdem, filwaqt li qatt ma naqset fid-dmirijiet taghha fil-konfront tal-familja taghha.

Tul il-provi li tressqu quddiem dina l-Qorti jinhass nuqqas ta' sapport da parti tal-konvenut. Dan huwa kkorroborat minn hut l-attrici, in partikolari J li kienet maghha l-Ingilterra u rat li l-attrici ma kienitx f'qaghda li tibqa' tghix wahedha u talbet lill-konvenut sabiex jitla' l-Inghilterra u joqghod ma' martu.

Jikkonferma huwa stess li fejn seta' kien ighin bil-lifts, izda mhux dejjem seta', anke meta kien jaf li l-attrici ma kinitx issuq. Anke mat-tifla MRKT jammetti li kienu omm l-attrici u hutha li rabbewha peress li l-attrici kienet tkun imsiefra hafna kienet tghix maghhom.

Il-konvenut da parti tieghu jsemmi li l-attrici kienet thobb tiehu d-decizjonijiet wahedha, bhal meta ddecidiet li riedet taghmel pool, kif ukoll meta baghtet lil MRKT ghall-izfin u l-kant minghajr ma kkonsultatu. Dan

kien jigri ripetutament, imbaghad kienet tippretendi, skond il-konvenut, li jhallas dawn l-ispejjes.

Isemmi li meta marret il-Bulgarija ma' MRKT , dan sar mhux ghax kienet maghzula, izda ghax riedet l-attrici, tant li spicca kellu jwaqqfilha s-supplementary card li kellha l-attrici fuq il-kont tieghu. Dan mhux innegat mill-partijiet.

Il-konvenut jinsisti ukoll li l-attrici kienet qed tehodlu l-flus permezz tal-istess card u kienet gemghat ammont sostanzjali cirka €33, 000 u jghid li kienet uriethomlu u kienet wahda mir-ragunijiet li waqqfilha l-card.

Ghalih l-attrici ukoll qatt ma kienet tingieb lejn il-familja tieghu, tant hu hekk li kull sena kienu jmorru Ghawdex u qatt ma marru maghhom, hlief meta kellhom 14-il sena. Din it-tip ta' relazzjoni wasslet ukoll ghall-problemi fiz-zwieg taghhom. Fl-ahhar ukoll ghandu jinghad li kien hemm indhil minn hut il-konvenut, in kwantu jirrigwarda t-tmexxija tal-finanzi taghhom.

Jirrizulta li l-partijiet rispettivament kienu jivvessaw lil xulxin kontinwament. Minn parti wahda, l-attrici hija l-omm iddedikata u habbrieka, izda dominanti u ma tantx kienet tingwalaha mal-familja tal-konvenut u kkreat sitwazzjoni ta' tensjoni bejniethom. Filwaqt li l-konvenut huwa persuna li jhalli min imexxih u jahrab mir-responsabbilitajiet tieghu.

Ghalhekk, il-partijiet rispettivament huma hatja ta' sevizzi u eccessi fil-konfront ta' xulxin.

**<u>Abbandun</u>**

L-attrici takkuza lill-konvenut li wassal ghas-separazzjoni minhabba abbandun. L-unika gustfikazzjoni li gab huwa li l-attrici kienet aggressiva mieghu meta sabtitlu t-telefon ma' widnejh waqt argument. Minn hawn beda jibza peress li l-pulizija ma setghux johroglu protection order, hlief tramite l-Qorti.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici nghatat twissija u twiddiba, filwaqt li l-konvenut jinsisti li nstabet hatja.

L-incident jidher li kien wiehed solitarju u fil-mori tal-kaz ma tressqux provi fuq xi incidenti simili ohra. Dina l-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni tal-konvenut li kien hemm ir-riskji li setghu jigru incidenti ohra simili, izda mhux gustifikabbli li mal-ewwel skuza jitlaq lil hemm u jabbanduna lil familtu. Setghu jitkellmu sabiex jevitaw dan id-dizgwid u ghalhekk l-abbandun sar b'mod ingustifikabbli, apparti li kienu ghaddew ukoll iktar minn sentejn mid-data tal-abbandun u ma kellu ebda intenzjoni li jerga' jmur lura d-dar matrimonjali.

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwixxix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan***

***il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: ***"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva."***

**<u>MANTENIMENT</u>**

Minkejja li llum it-tfal ghalqu 25 sena, il-konvenut ghadu qed jikkontribwixxi ghall-manteniment taghhom, precisament €250 kull wiehed fix-xahar.

L-attrici qed tinsisti li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi iktar manteniment ghal binthom Maruska u dan peress li ghandha d-dizabilitajiet taghha.

L-Artiklu 3B tal-Kap.6 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi obbligu ta' manteniment fuq il-genituri tat-tfal li jkunu affetti minn dizabilita':-

*“(1) Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewwgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2)L-obbligu li l-genituri ghandhom li jipprovdu l-manteniment skond is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skond il-mezzi taghhom, u fejn ma jkunx ragonevolement possibbli li lill-ulied:..(b) li jkollhom dizabilita, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet indaqs ghal Persuni b’Dizabilita’, kemm jekk hija fizika jew mentali.”*

Huwa car, li b’din id-disposizzjoni tal-ligi, il-legislatur ried li l-obbligu tal-manteniment, f’kaz ta’ ulied affetti minn dizabilita’ ma huwiex cirkoskritt bl-eta’, bl-uniku fattur determinant jkun it-test impost mil-ligi ta-possibilita’ tal-wild li jmantni lilu nnifsu.

Inoltre, l-Artikolu 2 tal-Kap.413 tal-Att dwar Opportunitajiet indaqs ghal Persuni b’Dizabilita’ jiddefinixxi “dizabilita’” bhala nuqqas fiziku, mentali, intelletwali jew sensorju ghal zmien twil li flimkien ma’ ostakli diversi, jista’ jillimita lil persuna milli tippartecipa b’mod shih u effettiv fis-socjeta’ b’mod ugwali daqs l-ohrajn.

M’hemmx dubju li Maruska tbati mill-kundizzjoni ta’ cereberal palsy u li taqa’ taht id-definizzjoni kif fuq citata. Trid isegwi terapija l-Inspire, kif ukoll diversi terapiji ohra.

Ghalhekk il-gurisprudenza nostrana hadet triq ohra ghar-rigward obbligi ta’ manteniment meta t-tfal ikun “dizabbli,” izda jkunu saru maggorenni. In sostenn ta’ dan dina l-Qorti se taghmel referenza ghall-gurisprudenza

nostrana. Fis-sentenza **Maria Rosaria Micallef vs Alfred Micallef**[18] gie enuncjat hekk:-

***"Dan l-obbligu tal-ġenituri normalment jispiċċaw meta l-ulied jsiru maġġorenni, għax fil-maġġoranza kbira tal-każ l-ulied issa jkunu jistgħu jaħsbu huma stess għall-bżonnijiet tagħhom u jfendu għal rashom. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-liġi ma tipprovdix li l-obbligi msemmija impost fuq il-ġenituri a favur l-ulied jispiċċaw awtomatikament bis-sempliċi fatt li l-ulied ikun saru tal-eta'. Invece, dan l-obbligu jibqa' fis-seħħ għal dak iż-żmien kollu li l-ulied ikunu fil-bżonn mingħajr ebda ħtila tagħhom u indipendentement mir-rieda tagħhom nonostante li jkunu saru maġġorenni (ara f'dan is-sens, fost sentenzi oħra, dawk pronunzjati mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 1960 u t-28 ta' Ottubru, 1960 fl-ismijiet rispettivi Carmela Bugeja vs Felecita Bugeja et u Professur Tabib Joseph Galea noe vs William Spalding). Dawn is-sentenzi kienu jikkonċernaaw l-obbligu tal-ġenituri li jfornu alimenti lill-uliedhom maġġorenni fiċ-ċirkostanzi spjegati fuqhom. Irid jingħad li fil-kunċett tal-manteniment ma jidħlux biss l-ikel u l-ilbies u l-ispejjeż għall-kura medika u mediċinali iżda ukoll il-provista tal-abitazzjoni. Dan hu speċifikatament indikat fl-Artikolu 19 li jgħid hekk fl-ewwel subartikolu tiegħu:***

***"Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni."***

Dina l-Qorti se teżamina aktar sentenzi f'dan il-kuntest, peress li tħoss li l-Perit Legali, ma eżaminax il-mertu ta' dina t-talba mill-aspett mistħoqq u rrefera biss għall-obbligu ta' manteniment li jista' jibqa' jissussisti anke

[18] Appell Civili Citaz.Nru. 1340/2002 deciza 18 ta' Gunju, 2007.

wara li t-tfal isiru maggorenni, izda dan ghandu jintrabat mal-grad ta' dizabilita' ta' bin il-kontendenti u hekk kellu jimxi l-Perit Legali.

Ghalhekk in sintesi dak li gie enuncjat fis-sentenza **Professur Tabib Joseph Galea vs William Spalding**[19] ghandu jinghata l-importanza mehtiega:-

***"Illi l-obbligu alimentari ma jispiccaw bil-fatt li l-persuna li jkollha dritt ghall-alimenti tkun saret maggorenni; ghaliex dan l-obbligu hu bazat fuq il-bzonn, li jista' jirrikorri fi kwalunkwe zmien tal-hajja tal-bniedem. Veru illi b'gheluq tmintax-il sena tikber izjed il-kapacita' ghax-xoghol fl-alimenti, izda dan ma jgibx necessarjament u dejjem li hu jkun hekk kapaci u li huwa jsib dan ix-xoghol. "Bisogno pensare." Josserva l-Avukat Caberlotto, "che non bastano la capacita' di lavorare e la buona volonta' di farlo; bisogna trovar da lavorare, e cio' non avviene cosi presto……sarebbe ingiusto, irragionevole ed inumano il negare gli alimenti a colui che cerca lavoro ma non ne trova. Sara' temporaneo l'assegno, ma dev'essere accordato" (Digesto Italiano, voce alimenti§ 119)."***

L-Avukat Caberlotto, fuq il-monografija tieghu fuq l-"Alimenti," josserva:- ***"Abbiamo fin qui alluso di preferenza ai figli minori; ma cio' non vuol dire punto che sia regola di diritto che col cessare dell'eta' minore cessi pure nei genitori l'obbligo alimentare. No. Puo' dirsi bensi' in via generale ed ordinaria che quest'obbligo sussiste fino a che i figli sono in eta' da poter provvedere da se' medesimi al proprio mantenimento; ma conviene altresi' aggiungere che, anche***

[19] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fit-28 ta' Ottubru, 1960

***posteriormente a questa eta', se i figli si trovino tuttavia in istato di bisogno per cause indipendenti dalla loro volonta', l'obbligo dei genitori continua."*** [20]

F'dan is-sens hija ukoll il-gurisprudenza nostrana; din il-Qorti, fil-kawza "**Schembri utrinque**," deciza fl-10 ta' Novembru 1877, hekk marret tikkummenta:-

***"Il senso di questa disposizione di legge (Artiklu 3B tal-Kodici Civili) (sottolinear tal-Qorti) non puo' mai essere quello che alle persone invalide per l'eta', malattia fisica o mentale, o che per qualunque altra cause fossero inabili al lavoro, siano dovuti gli alimenti, e che a tutt'altre persone quali fossero atte a qualche lavoro o capaci all'esercizio di qualche professione, arte u mestiere, si debbano gli alimenti negare non ostante che per circostanze indipendenti dalla loro volonta', dalla loro industria e dalla loro attivita', non trovino occasione di trarre profitto dal loro lavoro industriale."*** [21]

Ghandu jinghad li MRSK ukoll ghandha bzonnijiet tal-ikel ukoll li huma 'l barra min-normal, u dan gie kkonfermat mill-konvenut stess u fuq dan jinteffqu hafna flus.

Gie kkonfermat minn Mario Azzopardi mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni li l-introjtu tal-attrici gross huwa ta' €15, 000 fis-sena u tiehu ukoll hafna unpaid leave minhabba htiega li tmur l-isptar ma' MRSK .

---

[20] Carmelo Bugeja vs Felicita Bugeja et. Deciza fit-30 ta' Gunju, 1960.
[21] Carmelo Bugeja vs Felicita Bugeja et. Deciza fit-30 ta' Gunju, 1960.

Il-konvenut ghandu izjed paga mill-attrici u dan gie kkonfermat minn Edward Mifsud, rapprezentant tal-kumpanija Pharmacos li stqarr li l-introjtu tieghu huwa ta’ €2,000 fix-xahar.

Il-konvenut jinsisti ukoll li ghal dawn l-ispejjes zejda, binthom MRSK tircievi diversi kontribuzzjonijiet li jistghu jkopru l-ispejjes tal-Inspire, li ma gewx ikkontestati mill-attrici u dawn huma s-segwenti:-

- Kull erba’ gimghat tircievi pensjoni ta’ disabilita’ fl-ammont ta’ €535 li f’sena jammontaw ghal €3250 ;
- Kull sitt xhur tiehu bonus tal-gvern fl-ammont ta’ €135, li f’sena jammontaw ghal €270;
- Tircievi ukoll xi stipendju mill-MCast;

Ikompli jispjega li fis-sena 2021, MRSK kellha introjtu ta’ cirka €8424.57 u ghalhekk jezistu bizzejjed fondi sabiex thallas ghat-terapija mal-Inspire li jammontaw ghal cirka €110 fix-xahar.

Oltre dan l-ammonti hemm ukoll il-manteniment li jhallas il-konvenut li huwa ta’ €250 fix-xahar ghall kull wild.

Considerando li l-attrici tahdem ukoll, kif ukoll li MRSK ghandha ukoll certu ammont ta’ introjtu, ghalkemm illimitat, u dawn ighinu lill-attrici sabiex tkompli tmantni lil binthom, il-bzonnijiet taghha jmorru oltre dak li wild minghajr dizabilita’ jkollu bzonn. Ghalhekk, ikun necessarju li l-ammont ta’ manteniment ghal MRSK jizdied bi ftit ghal €300 u dan tenut kont ukoll tal-introjtu tal-konvenut, li ghadu ukoll qed ihallas manteniment ghal bintu l-ohra Markita u dan bil- buona volonta’ tieghu ghaliex bil-ligi mhux obbligat li jhallasha manteniment.

M'ghandux ikun hemm manteniment ghall-attrici peress li din tahdem u tircievi l-introjtu taghha.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fil-kontijiet bankarji, id-dar matrimonjali Gojjella, Triq ir-Rummien, Marsaskala u vettura Honda Jazz b'numru ta' registrazzjoni CBT 028.

Dwar il-vettura, mill-assjem tal-provi jirrizulta li dina tintuza mill-konvenut peress li l-attrici qatt ma saqet, izda l-istess vettura nxtrat fiz-zwieg.

Jonathan Pace, in rapprezentanza ta' GasanMamo kkonferma li l-valur tal-vettura kien ta' €7, 700.

Il-konvenut qed jinsisti li dina l-vettura ghandha tigi assenjata lilu peress li l-attrici hbiet hafna fondi mill-konvenut.

Dina l-Qorti ma taqbilx mal-konvenut, partikolarment peress li hu l-iktar responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg u ghalhekk l-istess konvenut ghandu jghaddi nofs il-valur tal-vettura lill-attrici.

**Dar Matrimonjali**

Dwar id-dar matrimonjali Gojjella, Triq ir-Rummien, Marsaskala, tenut kont tal-problemi ta' Maruska, il-Qorti thoss li jekk tbiddel l-ambjent taghha ikun difficli ghaliha biex terga' tadatta. Ikun opportun li filwaqt li

d-dar tibqa' in komun, l-attrici jkollha dritt li tghix vit adurante, flimkien maz-zewgt itfal taghha u dan sabiex ma jkunx hemm daqshekk tibdil f'hajjet MRSK .

**Kontijiet Bankarji**

Ingabu provi li l-partijiet jipposjedu diversi kontijiet bankarji. Il-konvenut qed jinsisti li l-attrici hbietlu cirka €30, 000, pero' b'din ix-xhieda mhux konsistenti ghaliex in kontro-ezami jghid li l-attrici kienet urietu x'kienet gemmghat fil-kont bankarju taghha savings account mal-Bank of Valletta plc. Li jgib in-numru 17301136019.

Minn ezami ta' dan il-kont jirrizulta li hafna mill-flus gew mill-paga tal-attrici, kif ukoll mic-childrens allowance li kienet tircevihom hi. Sa Lulju, 2011 jirrizulta li kellha cirka €33, 000 u dan kien fi zmien li l-konvenut telaq lill-attrici.

Minn ezami akkurat ta' fejn marru l-flus wara li telaq il-konvenut, jirrizulta li l-attrici kienet tuza hafna minnhom ghall-hajja peress li kienet taghmel il-kontribut taghha gialadarba kienet tahdem u l-konvenut ma kienx qed ighaddilha manteniment ghaliha. L-ispejjes zgur ma kinux nieqsa, partikolarment minhabba Maruska.

Ghaldaqstant, in vista ta' dan il-Qorti ma thossx li l-attrici ghandha tghaddi nofs dina s-somma li kellha kif qed jippretendi l-konvenut.

In kwantu jirrigwarda l-kontijiet bankarji, kulhadd ghandu jzomm tieghu.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi ;-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte, stante li l-partijiet rispettivament rrendew ruhhom hatja ta' sevizzi u eccessi, filwaqt li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' abbandun.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna l-hlas ta' manteniment kif fuq imfisser.

3. Tichad it-tielet talba attrici ghar-ragunijiet suesposti.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.

5. Tilqa' l-hames talba attrici.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici.

7. Tilqa' s-seba' talba attrici sa fejn applikabbli.

8. Tilqa' t-tmien talba attrici.

**Kontro-Talba**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba in parte stante li l-partijiet rispettivament irrendew ruhhom hatja ta' sevizzi u eccessi, filwaqt li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' abbandun.

2. Tichad it-tieni kontro-talba.

3. Tilqa' t-tielet kontro-talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni kif fuq mfisser.

4. Tichad ir-raba' kontro-talba stante li ma jirrizultax li ngabu provi fuq il-proprjeta' parafernali.

5. Tilqa' l-hames kontro-talba sa fejn applikabbli.

6. Tichad is-sitt u seba' kontro-talba.

**L-ispejjez ghandhom jinqasmu zewg terzi ghall-konvenut u terz lill-attrici.**

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**